# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 78/2022

**Il-Pulizija**

**(Spettur Sarah Magri)**

**vs**

**Alex Fenech**

Seduta tal-21 ta' Novembru, 2022

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra Alex Fenech detentur tal-karta tal-identita Maltija 244992M quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli b'diversi atti maghmulin minnhu, wkoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u jkunu maghmula b'rizoluzzjoni wahda, ghax-xhur minn **Novembru 2019 sa April 2020** meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt, naqas milli jaghti lil Rodianne Lia u/jew lill-uliedu, is-somma iffissata minn dik il-Qorti jew stipulata fil-kuntratt bhala manteniment, fi zmien hmistax-il

jum minn dak il-jum li fih, skond l-ordni jew dak il-kuntratt kellha tithallas is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-14 ta' Frar 2022 li biha sabet illi l-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u kkundannatu ghal tlett xhur (3) prigunerija effettivi.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Alex Fenech pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-28 ta' Frar 2022 li bih talab lil din il-Qorti **tirriforma** s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha fil-parti tal-htija, **thassar** u tirrevoka il-parti tas-sentenza fejn ikkundannatu ghal-tlett (3) xhur prigunerija u taghti piena aktar moderata u idonea ghac-cirkostanzi kollha tal-kaz odjern.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Semghet is-sottomissjonijiet orali tal-partijiet;

Rat l-atti kollha:

Ikkunsidrat:

1. Illi kif inhu minnufih evidenti, dan huwa appell limitat ghall-piena erogata mill-ewwel Qorti bl-aggravju singolari li dik il-piena hija "harxa wisq *tenendo conto* tal-fatti tal-odjern". L-appellant

ccita diversi sentenzi ta' din il-Qorti li fihom kien hemm temperament tal-piena u issa qed jistenna li jsir l-istess fil-konfront tieghu;

2. Illi jibda biex jinghad illi fir-rakkont tal-fatti, li huwa wiehed mill-elementi li jsawwar appell skond l-artikolu 419 tal-Kodici Kriminali, l-appellant elenka sensiela ta' hwejjeg li bid-dovut rispett ma jirrizultawx mill-atti processwali u ghalhekk mhux ser jittiehdu in konsiderazzjoni minn din il-Qorti. Jekk l-intenzjoni tal-appellant hi li din il-Qorti taccetta li hemm xi somiljanza bejn il-fatti minnu rakkontati u l-fatti f'dawk il-kawzi fejn kien hemm temperament fil-piena, allura huwa zbaljat ghaliex ma hemm l-ebda prova, anke fl-icken forma taghha, li dawn il-fatti huma veri;

3. Illi l-fatti ta' dan il-kaz huma, fis-semplicita' taghhom, izda ta' sofferenza ghall-parte civile, li l-partijiet ghandhom zewg ulied mir-relazzjoni ta' bejniethom u minkejja obbligu kontrattwali approvat mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) sabiex l-imputat ihallas dak il-manteniment u spejjez mensili lill-kwerelanta ghadu ma hallas assolutament xejn minn dak-inhar, jigfieri mill-20 ta' Lulju 2017;

4. Illi l-appellant ghamel referenza ghall-diversi sentenzi ta' din il-Qorti diversament preseduta fejn kienu milqugha talbiet konsimili u kienet koncessa riforma fil-piena minn wahda karcerarja b'erogazzjoni ta' piena pekunarja jew wahda sospiza. L-appellant, izda, jehtieg li japrezza illi kull kaz huwa deciz fuq il-fatti speci tieghu tant illi f'uhud minn dawk minnu stess citati, l-Qorti laqghet it-talba ghaliex fil-mori l-persuna appellanti kienet ottemperat ruhha fil-hlas tal-manteniment u ghalhekk ma kienx

ghad fadal ghan, anzi jkun kontro-producenti, li dik il-persuna issa tkun inkarcerata. Fil-kaz odjern ghandha sitwazzjoni differenti fejn l-appellant ghadu qatt ma hallas centezmu manteniment dovut ghall-ghixien taz-zewg ulied. Fl-inizzju tal-aggravju tieghu donnu irid jivvanta t-teorija tal-impossibilita' bl-iskuzanti li qed ikun inkarcerat konsegwenza ta' proceduri bhal dik odjerna. Madankollu, l-imputat qatt ma xehed, kif kellu d-dritt li jaghmel, izda ma jistghax issa jitlob il-klemenza tal-Qorti fuq "fatti" li ma jafhom hadd hlief hu. Aktar minn hekk, jghid illi issa li qed jahdem qieghed jaghmel minn kollox biex jirretifika s-sitwazjoni u issa li ghandu xoghol fiss qed jaghmel mill-ahjar sabiex ihallas l-arretrati. Minkejja dan, l-Qorti tinnota illi dan il-process inbeda f'Marzu, 2021 dwar manteniment dovut minn Novembru 2019 sa April 2020 u minkejja d-drabi li ma deherx quddiem l-ewwel Qorti, minkejja li l-ewwel dehra quddiem din il-Qorti kienet f'Mejju 2022 halliet l-appell ghas-sentenza ghal-lum sabiex fil-kaz li jilhaq jirregola ruhu jinformaha b'dan l-izvilupp sabiex dan jittiehed kont xieraq tieghu;

5. Illi minkejja dan it-trapass ta' zmien, l-appellant baqa' inadempjenti. Issa, minkejja s-sentenzi citati mill-appellant, il-principju regolatur jibqa' dak wisq drabi mfakkar minn din il-Qorti li bhala wahda ta' revizjoni ma huwiex fil-mansjoni normali taghha li tiddisturba d-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti meta si tratta tal-piena erogata sakemm ma jkun hemm xejn li jiddimostra li dik il-piena kellha tkun anqas, jew aktar fil-kaz ta' appel mill-Avukat Generali, minn dik erogabbli;

6. Illi l-piena erogata mill-ewwel Qorti hija fil-parametri tal-ligi u tenut li ma hemm ebda raguni ghaliex din il-Qorti ghandha

tirrimpjazza id-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti, l-appell qed ikun michud.